Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

# MINUTI
## Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida
## IT-TMIEN LEĠISLATURA
## Laqgħa Numru 3
## Il-Hamis 21 ta'Lulju 2019

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida, fis-5.30 p.m.

### PREŻENTI:

Margaret Baldacchino Cefai : Sindku
Romina Galea : Vici Sindku
Jean Claude Borg : Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop : Kunsillier
Emanuel Brincat : Kunsillier <Hareg fit-8:20pm)
Charles Selvaggi : Kunsillier
Maurice Agius : Kunsillier
Alfred Farrugia : Kunsillier
Judy Sciberras : Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

### ASSENTI

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Alan Vella : Segretarju Ezekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

### 3.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija;

03.1.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qal li kulħadd kien preżenti u ma kienx hemm l-ittri ta' apoloġija .

### 3.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

03.2.01 Il-Minuti ta' Seduta L8-02 ittieħdu bħala moqrija.
Il-minuti ġew approvati, unanimament.

### 3.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

3.3.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti dwar laqgħa li saret ma rappreżentanta tal-entita li qegħda tieħu ħsieb l-organizzazzjoni tal iskema Admin4-all fejn kienu preżenti wkoll Is-sur Maurice Agius u Is-Segretarju Eżekuttiv u tgħat dettalji ta fhiex tikkonsisti l-skema u dwar taħriġ li se jingħata lill-impjegati u l-kunsilliera interessati

3.3.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti dwar laqgħa li saret ma uffiċjali tal-komunità rappreżentanti tal-LESA dwar il-problema tal-iskart maħruġ b'mod abbużiv fejn ġew diskussi il-limitazzjonijiet li għandhom dawn l-uffiċjali minħabba in-numru żgħir. Dan wassal biex intbagħtet ittra uffiċjali fejn intalbet aktar assistenza biex ssir infurzar.

3.3.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti dwar laqgħa li saret mal-amministratur ta blokka appartamenti go Sqaq Dun Andre flimkien mas-segretarju Eźekuttiv fejn sar ftehim li dan se jipprovdi spazju ġewwa il-propjetà u ftehim mal-kuntrattur biex ikun jista' jidħol u jiġbru minn hemm.

3.3.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti dwar laqgħa li saret mal-amministratur ta blokka appartamenti go triq Esperanto flimkien mas-segretarju Eźekuttiv fejn se ssir laqgħa ma residenti u ħwienet aktar il-quddiem.

3.3.05 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti dwar laqgħa li saret ma rappreżentanta tal-Appoġġ u voluntiera oħra flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv dwar attività li se ssir ġol-Msida f'Ottubru b' tema tal-ikel biex tippromwovi l-integrazzjoni.

### 3.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

3.4.01 Is-Sur Charles Selvaggi għamel referenza għall minuti (2.4.07) u staqsa dwar it-tifsira ta'innovazzjoni
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li din għanda tifsira mifruxa u tista' tkun addattata ma deskrizzjoni provduta fl-i'stess minuta u anke permezz ta' konsultazzjoni ma responsabiltà ta'kunsilliera oħra jistgħu ssiru proposti għall approvazzjoni tal-kunsill.

3.4.02 Is-Sur Charles Selvaggi għamel referenza għall minuti (2.4.05) fejn tkellem dwar rappreżentanza ta'residenti tas-Swatar li ġiet f'idejn is-Sindku u qal li skond l-att din għanda tkun f idejn il-kunsillier li joqgħod fl-i stess komunità.
Is-segretarju Eżekuttiv ħa nota.

3.4.03 Is-Sur Charles Selvaggi għamel referenza għall minuti (2.5.04) u staqsa jekk il-kunsilliera <ġodda> jistax ikollhom kopji ta' dak li ġa sar ħalli ikunu infurmati fuq is-suġġett.
Is-segretarju Eżekuttiv ħa nota u qal li se jgħaddi kopji tal minuti .

Thassret: < ġodda>

3.4.04 Is-Sur Maurice Agius għamel referenza għall minuti (2.5.04) u staqsa fuq żviluppi li saru.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li kellu laqgħa fuq il-post mal-perit u l-kuntrattur fejn kienu preżenti wkoll is-Sur Emanuel Brincat u Maurice Agius fejn ġew ċċarati dawk l-affarijiet li rridu jiġu rranġati , filwaqt li sar xi brix fuq parti mil-bankina ta' Rue D'Argen ħalli ma tibqax tiżloq sakemm ssir l-alterazzjoni meħtieġa.

3.4.05 Is-Sur Maurice Agius għamel referenza għall minuti (2.5.05) u staqsa fhiex wasal id-door numbering.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li għad trid tiċċekkja.

3.4.06 Is-Sur Maurice Agius għamel referenza għall minuti (2.5.06) u staqsa jekk kienetx intbagħtet reminder u kienx hemm risposta mill LESA.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li daħlet email risposta mil-LESA llum tard wara nofs nhar iżda għada mhux reġistrata fil korrispondenza u qrat il kontenut li kien jgħid li din il-persuna kienet ħallset iċ-ċitazzjoni li tindika li hija ammissjoni ta' tort iżda jekk il-kunsill jixtieq jista' jagħmel appell mal-Kumissarju tal-pulizija.

Is-Sur Maurice Agius qal li hekk mhux sew għax waqt il-laqgħa mar residenti kien l-spettur li qal li dawn iċ-ċitazzjonijiet se jinħafru u hawn il-kunsilliera u ir-residenti li kienu preżenti għall din il-laqgħa li huma xhud ta'dan. Barra min hekk dak in-nhar ingħataw ċitazzjonijiet oħra u ġew imħassra.
Il-kunsill iddiskuta u qabel li tintbagħat ittra uffiċjali ta' appell lill kumissarju tal-pulizija.

3.4.07 Is-Sur Charles Selvaggi għamel referenza għall minuti (2.5.07) u staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi u jekk hux se ssir laqgħa mal-kumitat tas-sajjieda fejn ippropona biex jinħatru rappreżentanti tal-kunsill.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li fil-laqgħa preċedenti ma ġewx maħtura ir-rappreżentanti tal-kunsill biex jiltaqgħu mal-kumitat tas-sajjieda u dawn jistgħu jiġu maħtura llum u talbet min fost il- kunsilliera preżenti jista' jkun rappreżentant?

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u inħatru Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ,Is-Sur Emanuel Brincat u Sur Alfred Farrugia.

3.4.08 Is-Sur Emanuel Brincat Staqsa jekk xi ritratti tas-sindki li kienu għand x-kunsillier is-Sur Lino Bartolo ġewx ritornata.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li waqt attività li kien preżenti ġie fuqu is-Sur Lino Bartolo li qallu li l frames lesti u li se jgħaddihom fil-ġranet li ġejjin.

3.4.09 Is-Sinjura Romina Galea għarrfet lill kunsilliera preżenti li għaż-żmien tas-sajf l-attivitajiet tal-anzjani se jibdew ssiru filgħaxija minħabba ix-xemx u sħana.

3.4.10 Is-Sinjura Judy Sciberras staqsiet dwar kif jaħdmu l-skemi tal-Long life learning u homework club.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tat spjega ta kif il-kunsill ma kunsilli oħra japplika biex numru ta korsijiet ikunu jistgħu ssiru fil-kunsill tal-lokal biss dan jiddependi mill interess tar-residenti li jekk ma jkunx hemm biżżejjed applikazzjonijiet f xi kors dawn jingħaqdu ma gruppi oħra u jista' ssir go lokalita oħra. Filwaqt li il-homework club huwa mexxi min grupp ta voluntiera fi ħdan l-Appoġġ li jagħtu dan is-servizz fil-kunsill.

3.4.11 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa fuq il-bini mil ġdid tal-iskola u jekk ir-residenti hux ser ikollhom faċilita biex jużaw il-parkeġġ barra il-ħin tal-iskola.
Is-Sur Emanuel Brincat wieġeb li struttura tal-iskola se tibqa kif hi biss dwar l-użu tal-parkeġġ mir-residenti jistgħu ssiru diskussjonijiet aktar il-quddiem.
Is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar il kuruturi miftuħa ta' barra l-skola biex jiġi propost li dawn ikollhom ilqugħ mir-riħ .

3.4.12 Is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar il-WIFI fejn il-knisja li dan qed jiġbed numru ta'nies fuq iz-zuntier li qed iħallu ħafna ħmieġ u staqsa jekk dan jistax jiġi kontrollat.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li ġa kitbet fuq il-WIFI u dan ma jistax ikun kontrollat. Filwaqt li dan jista' jkun anke WIFI trażmess min għand tal-ħwienet
Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-kunsill kien applika permezz ta'dipartiment għall fondi taħt l-skema WIFI4u biex il-dan jiġi nstallat fi-Triq xatt ta'Xbiex u Wesghet il-kunsill lokali iżda sal-ġurnata għad ma kienx hemm tweġiba. Jekk tiftaħ il-WIFI fiz-zona ssib li dawn huma ta'ħwienet jew kumpaniji li joffru servizz ta'komunikazzjoni.

Mizjuda:<ta'Misrah San Guzepp>

3.4.13 Is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar is-sitwazzjoni go triq it-Torri , L. Zamenhof u ta' Xmiexi fejn qed ikun hemm konfuzjoni fit-traffiku bit-trakkijiet , containers , terrapien u materjal ta-kostruzzjoni u karozzi oħra pparkjati mhux kif-suppost.
Is-Sindku wieġbet li taf bil-problema u li segretarju Eżekuttiv ġa qed jikkordina laqgħa ma sidien kummerċjali , l-LESA u xi residenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dwar il-problema ta' terrapien u oħrajn ħdejn sit ta' kostruzzjoni ġa ħa passi u qabel ma dan jiġi mnaddaf ma kienx se joħroġ permess għall makkinarju.

3.4.14 Is-Sur Alfred Farrugia staqsa jekk jistax ssiru diskussjonijiet mal-Gvern biex ssir parkeġġ flok il-ġibjun.
Is-Sur Emanuel Brincat wieġeb li dan huwa mmarkat biex ssir proġett għall kumpless sportiv.

Mibdula:< li talbu xi flus>

3.4.15 Is-Sur Maurice Agius qal li peress se jsir il-proġett tal-Msida Flyover hux il-każ li il-kunsill ikompli jara fuq id-dawl ta'St Joseph drive.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li fejn kien pjanat dan id-dawl huwa kollu inkluż fil-proposti tal-flyover għalhekk wieħed rrid jara kif se jiżviluppa.

3.4.16 Is-Sur Maurice Agius staqsa dwar il-poġġaman ħdejn il-mużew.

Is-Sur Emanuel Brincat wieġeb li dan qed jiġri wara il kuntrattur li-għarfu li qed ssib problema għax ma jistax ssib min jagħmlu fil pront.

3.4.17 B'referenza għall minuti (2.5.12) Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar gutter għall fuq bankina li tiżloq go Triq Victor Denaro li kien miftiehem mas-sid li jixtrih u approvat li jagħmlu l-kunsill . Filwaqt li jaf li kien hemm problema minħabba kapptella taħt il katusa ssuġġerixxa li dan jista' jimxi daqsxejn l-hemm mill katusa għax bix-xaqliba l-ilma jmur fil gutter.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota u se jara meta jista' ssir.

3.4.18 Is-Sur Maurice Agius tkellem fuq każ li qajjem waqt il-leġislatura l-oħra fuq loading u un loading bay li qed tiġi abbużata go Triq il-Prinċipessa Margaret u staqsa jekk il-kunsill jistax jerġa jikteb lill LESA fuq dan il-każ.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota u wieġeb li se jerġa jikteb lill-LESA

3.4.19 Is-Sur Maurice Agius staqsa meta se ssir il-bankina temporanja fi-Triq Clarence.
Is-Sur Emanuel Brincat wieġeb li kif spjega go seduta preċedenti din tiġi fuq manhole ta kumpanija li toffri servizz ta telekomunikazzjoni u il kuntrattur ma jistax jagħlaq din il manhole sakemm din il kumpanija tagħmel li hemm bżonn.
Is-Segretarju ħa nota u se jara jagħmilx kuntatt ma din il-kumpanija forsi din ssir.

3.4.20 Is-Sur Maurice Agius staqsa minħabba problema biex wheelchair jidħol go karozza hux possibbli li titwessa disabled parking go triq il-Hriereb.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-ewwel rrid imur jara fuq il post u jekk ir-regolamenti jippermettux alternattiva.

3.4.21 Is-Sur Maurice Agius poġġa fuq il-mejda xi ritratti tar-residenza u bankina go triq l-Irmiġġ u tkellem fuq problema ta resident biex jitla targa għall ġewwa u staqsa jekk hux possibbli li ssir xogħol biex togħla il-bankina minħabba li din ir-residenza għanda it-taraġ mad-daħla tal-bieb.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalet li ma tantx tidher li tista' togħla il bankina għax se toħloq problemi oħra filwaqt li peress li l-bankina dejqa ma tistax ssir targa għax ma tħallix aċċess għall wheelchair jew pushchair.
Is-Sur Emanuel Brincat qal li l-aħjar immur fuq il-post u jara jekk hux possibbli jew jekk hemm soluzzjoni oħra

3.4.22 Is-Sur Maurice Agius staqsa minħabba l-stess problema li għandu dan ir-resident u resident ieħor fl-i-stess triq l-Irmiġġ x rrid ssir biex dawn ikollhom disabled parking bejniethom.
Is-Segretarju Eźekuttiv wieġeb li dawn rridu japplikaw ma Transport Malta u din hemm proċedura ta'applikazzjoni fejn rridu jipprovdu dawk id-dokumenti mitluba biex l-entita tkun tista' tapprova l-ellegibilita skond il-kriterji.

3.4.23 Is-Sinjura Judy Sciberras staqsiet fuq il-ħmieġ li hemm go daħla taħt Triq Achille Ferris.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li din id-daħla taħt it-Triq hija propjetà privata.

3.5 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;

3.5.01 Il kunsill Lokali beda jiddiskuti l-Festa Msida u xi problemi li setgħa kien hemm.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalet li matul il-festa ma kienx hemm problemi partikulari ħlief fuq bar armat u mużika għolja waqt l-attività tal-Ġostra fejn spjegat li għalkemm bħala sponsor dan kellu permess jarma waqt li tkun qed ssir l-attività dan kellu iżżarma kif tispiċċa. Barra li ma kienx hemm permess għall mużika li kienet qed ttellef il-quddiesa. Fost argumenti u imġieba mhux xierqa min membri tal-għaqda tal-ġostra Il-pulizija ħadet il- passi meħtieġa biex dan iżżarma. Fejn tidhol indafa jidher li kulħadd qed jippretendi li l-kunsill għandu jagħmel dan u kif tispiċċa xi attività ħadd ma hu qed jiżbarazza jew inaddaf il-biċċa tiegħu. Għalhekk il-kunsill għandu bżonn jiddiskuti u jiddeċiedi jekk hemmx bżonn jinżamm depożitu u ħlas għat tindif , għax dawn l-attivitajiet u permessi oħra huma biex ssir negozju min min jagħmilhom.

Is-Segretarju Eźekuttiv ħa nota ta'kollox u wieġeb fuq xi punti msemmija fejn qal li matul il-festa spezzjona diversi permessi u ġibed l-attenzjoni ta' xi-ħwienet li huma obbligati jnaddfu u jaħslu l-arja allokata kull darba li iżżarmaw l-imwejjed u siġġijiet. Minflok dawn qed iħallu kullimkien filters ta' sigaretti, bottijiet , fliexken u tazzi tal-plastic.Kien hemm min ta' każ u kien hemm min injora għall kollox dan l-obbligu. Ma dan trid żżid l-skart ieħor li suppost dawn il ħwienet għandhom il-kuntrattur u arranġamenti tagħhom.

Is-Sinjura Romina Galea qalet li l-kunsill rrid joqgħod attent għax qed ikunu reklamati attivitajiet qabel ma jkun ħareġ il-permess

Is-Sur Jean Claude Borg tkellem dwar arblu li ilu go Misraħ San Guzepp aktar min sentejn u li il-kunsill għandu jimxi bl-istess mod ma kullħadd.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota ta'dan u wieġeb dwar iż-żmien tal-arblu li illu aktar min sentejn u li hu ħażin u jekk ikun jista' jiġi mwarrab ikun aħjar, iżda dan ma jfissirx li affarijiet oħra għandhom jibqgħu hemm għall aktar żmien milli hemm bżonn. Il-kunsill kien ħa azzjoni meta sentejn ilu tħalla periklu għall xagħar shih,barra il-kummenti fuq gazzetta lokali biżżejjed wieħed jara il-minuti ta'dak iż-żmien. Dwar il-permessi jixtieq jiġbed l-attenzjoni tal-kunsill li minħabba li kull Għaqda jew Ħanut qed iħallu sa l-ahhar ġranet u kull applikazzjoni trid tintbagħat lill pulizija qed ikun hemm dewmien biex jinħargu il-kundizzjonijiet tal-permessi b'konsegwenza li l-kunsill baqa' għaddej sa l-aħħar sekonda li mhux suppost. Dan mhux ser jippermettilhom aktar. Il-Liġi tgħid li hemm żmien kemm trid tapplika qabel u min mhux se jagħmel hekk mhux se jinħariġlu permess. Għalhekk se tintbagħat ittra lill kull Ħanut u Għaqda ħalli ikunu mgħarfa kif għandhom jagħmlu.

Is-Sur Maurice Agius għamel osservazzjoni dwar il-permess lill klabb biex jagħmel it-tombla u dan beda jistona waqt iċ-ċerimonja għall jum l-Imsida u talab biex għall Jum l-Imsida ma jinħareġ ebda permess ta attività oħra.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qablet u kompliet tispjega li dawn kienu taw il-lista ta'dati li ġew approvati waqt seduta preċedenti tal-kunsill fejn is-soltu dawn l-attivitajiet kienu ssiru is-Sibt u ħadd ma nduna li data minnhom kienet il-Ġimgħa. Hawn ipproponiet li għall din il-leġislatura il-kunsill permezz tal-kunsillier responsabbli għandu jara kif jibda jkun hemm koordinazzjoni mal-għaqdiet kollha biex ssir kalendarju aġġornat ta'attivitajiet.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew il-punti msemmija u approvaw unanimament.

3.5.02 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja ta' draft għat-Tender for the repair,maintanance and Installation of Street Lighting fejn spjega li dan it-tender skada u minkejja li ġa kienet saret sejħa ħadd ma applika u se jerġa joħroġ is-sejħa.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament.

3.5.03 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li qed jaħdem fuq id-draft għat-Tender for Parks and Gardens u fid-dawl tal-pjan ta ħidma talab lill kunsillier responsabbli min dan il-qasam biex jikkonsulta miegħu ħalli jkun inkluż dak li jista' jkun hemm bżonn qabel ma jkun diskuss fil kumitat finanzi u approvat mill kunsill.

Il-Kunsillier Alfred Farrugia wieġeb li ġa għandu document b' affarijiet li iħoss li għandhom ssiru .
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament.

3.5.04 Is-Segretarju Eźekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li minħabba l-skema il ġdida qed ikun hemm problema biex il-bins fiz-zoni l-aktar wżati fil-ġranet tas-sajf ikunu mbattla kulljum għax dan huwa skart mħallat u jinġabar tlett darbiet fil ġimghat biss, Għalhekk hemm bżonn li fil ġranet tas-sajf dan jinġabar kulljum minħabba l bins qed jimtlew aktar spiss. Ma dan tinħass il-ħtieġa li f'xi zoni pubbliċi jiżdied it-tindif għalhekk talab għall xi stimi ħalli dawn ikunu kunsidrati .

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament.

3.5.05 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il mejda SPI.SCI.13.2019.Espressjoni ta'Interess Clean up the World 2019 u tat id-dettalji dwarha hawn pproponiet biex il-kunsill juri interess biex jipparteċipa u fejn hu possibbli jinvolvi rappreżentanza ta komunitajiet bħala parti mill ħidma ta'integrazzjoni.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament.

3.5.06 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il mejda SPI/SCI/12/2019 Skema dwar Restawr ta' Postijiet/Monumenti Storiċi f'Malta fejn tat id-dettalji tal-iskema. Peress li din is-sena il-kunsill jista' japplika ssuġġeriet biex issir xogħol ta'restawr fuq l-Għajn tal-Ħasselin

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament.

3.5.07 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għamlet referenza għall minuti ( 2.5.03 ) fejn għarrfet lill kunsilliera preżenti li kif ġie diskuss saret applikazzjoni fuq l-skema finanzjarja SPI.SCI.10.2019 għall Żvilupp ta' Libreriji Lokali fejn spjegat li din hija biex jinxtara apparat virtwali li jippermetti għall tagħrif viżiv 3D ta bosta suġġetti.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament.

3.5.08 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għamlet referenza għall minuti ( 2.5.02 )fejn għarrfet lill kunsilliera preżenti kif ġie diskuss li saret applikazzjoni fuq l-skema finanzjarja LC CARE PROJECT GRANT SUPPORT SCHEME. Is-Segretarju Eźekuttiv spjega li din taħseb għall assistenza lill cat feeders awtorizzati mill kunsill biex jaqbdu u jieħdu qtates għall newtering.Hawn kompla jispjega li ġiet identifikata zona fejn dawn il-qtates jistgħu jittieħdu sakemm jirkupraw u wara jiġu meħlusa min fejn inqabdu. Din l-skema taħseb wkoll għall proġett li jista' jinvolvi tfal u anzjani biex jiġi provdut kenn magħmul min riċiklaġġ ta tyres.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament.

3.5.09 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il mejda korrispondenza għan nomina tal- Premju Anzjan attiv

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament in-nomina tas-Sur Louis Dimech.

3.5.10 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li saret laqgħa ma diriġenti ta' entita kummerċjali fejn għalija kien hemm wkoll preżenti magħha Il kunsilliera Emanuel Brincat ,Maurice Agius, Judy Sciberras u Segretarju Eżekuttiv. Waqt din il-laqgħa ġiet ppreżentata proposta dettaljata lill kunsill dwar traffic maniġment fejn numru ta' parkeġġi jistgħu ikunu wżati b' prova bil-ħin għall numru ta' xhur bejn it-8:00 am u 8:00 pm ħalli in-nies ikollhom faċilita aħjar biex jinqdew min l-stabbilimenti kummerċjali go Triq Xatt ta'Xbiex.

Is-Sur Charles Selvaggi għamel referenza għall minuti ( 2.5.11 ) fejn spjega li għalkemm fil prinċipju jaqbel fl-istess ħin iħoss li minħabba li għall dawn l-ahhar snin kien qed jipprova jirsisti biex go l-Imsida ikun hawn residential parking ma jistax fl-istess ħin jappoġġja din il-proposta. Hawn kompla jispjega li hemm konflitt bejn iż-żewġt prinċipji li ma tagħmilx sens jekk din tiġi aċċettata waqt li talba importanti bħal residential parking tkun miżmuma għall l-Imsida u għar min hekk dawn jibqgħu go lokalitajiet oħra.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li matul l-aħħar leġislatura flimkien mal-kunsill kollu unanimament appoġġat u saret ħidma biex ikun hawn residential parking go l-Imsida , iżda għall raġunijiet ġa magħrufa dawn ġew miżmuma. Filwaqt li taqbel mas-Sur Charles Selvaggi li l-Imsida ma għandux ikun inqas min lokalitajiet oħra fl-istess ħin tħoss li ma għandiex tagħmel oġġezzjoni għall din il-proposta iżda b'il kundizzjoni li din tkun maqbula mill istabbilimenti kummerċjali kollha ta'triq Xatt ta'Xbiex u li limitazzjoni tal-hin ma tapplikax għar-residenti . Din il-proposta xorta se tkun suġġett għall approvazzjoni jew oġġezzjoni ta' Transport Malta.

Is-Sinjura Judy Sciberras staqsiet jekk din tistax tiġi estiża għall toroq oħra.
Is-Sur Maurice Agius qal li xtaq li jieħu aktar żmien biex jirrifletti fuq il-proposta u għalhekk mhux se jagħmel kummenti fil-mument.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pproponiet biex tmexxi u staqsiet lill kunsilliera preżenti jekk għandhomx oġġezzjoni għall proposta.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai, Il Viċi Sindku Romina Galea, is-Sur Jean Claude Borg, Is-Sur Nicholas Joseph Chircop u Is-Sur Emanuel Brincat ma jsibux oġġezzjoni li dawn l-stabbilimenti japplikaw b'il - kundizzjonijiet msemmija.
Is-Sur Charles Selvagi qal li ġa esprima l-oġġezzjoni tiegħu fuq il prinċipji msemmija ,
Is-Sur Maurice Agius, Is-Sur Alfred Farrugia u Is-Sinjura Judy Sciberras ma ħadux pożizzjoni.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota.

3.5.11 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il mejda talba għall 1220.20 euro danni fuq vettura li allegatament saru minħabba ħofra go Triq Xatt ta'Xbiex f' 19 ta'Marzu .Hawn kompla jispjega li din saret min kumpanija tal assigurazzjoni u sid il-vettura qatt ma ppreżenta ir-rapport tiegħu il-kunsill. Minħabba dan talab lill avukat tal kunsill biex jikteb lill din il-kumpanija.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu li l-kunsill ikompli jmexxi Bl-avukat.

3.5.12 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pproponiet biex F'Misraħ San Guzepp ssir spazju bil-fence ħalli sidien tal-klieb ikunu jistgħu iħallu il-klieb għall ftit mhux marbuta biċ-ċinga.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament

3.5.13 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għamlet referenza għall minuti (2.5.04) u poġġiet pjanta fuq il mejda fejn għarrfet lill kunsilliera preżenti dwar il-proġett tal fly over fejn il kunsill intalab jagħti opinjoni bejn suġġeriment biex ħdejn il-monument go Misraħ 5 ta'Ottubru jibqa' parkeġġ imnaqqas anke jekk se jsir parkeġġ akbar fil viċinanzi, jew ssir l-embelishment tal-ġnien u l bandli magħqud kif kien mixtieq u propost mill- periti tal-kunsill.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament li Misraħ 5 ta'Ottubru huwa wieħed mill ftit spazji li fadal go l-Imsida li jista' sservi għall rekreazzjoni u ikun ħasra li dan jintilef għall użu ta'parkeġġ meta hemm pjanat parkeġġ ieħor viċin fejn jistgħu ssiru alterazzjonijiet żahar biex jinkludi wkoll spazju għall muturi

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota u se jgħarraf lill periti tal kunsill b'deċiżjoni favur il-ġnien kif kien pjanat .

3.5.14 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li hemm bżonn jinxtraw żewġt lap tops biex jinbidlu computers tas-Sindku u clerk li waslu fl-ahhar u għalhekk se jiġbor stimi għal tip li huwa addattat.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament li dawn jinxtraw skond l-orħos offerta li taqbel mal-ispeċifikazzjoni mixtieqa.

3.5.15 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il mejda offerta mill aġenti għall ftehim ta' 3 snin għall manutenzjoni tas-sistema PABX li għandu il-kunsill u spjega li din tkopri numru ta servizzi ta'emerġenza u tammonta għall 700+ VAT fis-sena.
Is-Sur Charles Selvaggi qal li meta mqabbla ma servizzi simili għall kumpaniji oħra din hija raġonevoli.
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament

3.5.16 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li l-operatur tal Bring in site se jkollu jżarma l-skips mis-sit ta'triq il-Kunċizzjoni minħabba problema ta spazju żgħir li ma jippermettix il-crane tal vettura biex jiġbru u jbattlu l-l Bins il ġodda u għalhekk dawn pproponew sit ġdid fil parkeġġ ta isfel go triq il-Wied faċċata ta'Traffic lights .
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u ma qablux ma sit propost iżda ddeċidew fuq suġġeriment<ta' Sur Emanuel Brincat> biex dawn jimxu b'prova go triq il Wied fuq bankina wiesgħa fejn kien hemm ħanut llum magħluq u mbarrat. Jekk dan is-sit alternattiv jinbidel f'dumping site dawn għandhom jiġu żarmati.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota u se jgħarraf lill operatur bis-sit u l-kundizzjonijiet.

Zdiedet :<ta' Sur Emanuel Brincat>

**3.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti.**

3.6.01 Minħabba kien se jaqbeż il-ħin permess għass-seduta il QFR 1st Jan to 30th June 2019 u reviżjoni tal-Estimi ġew posposti għass-seduta L8-04

**3.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

3.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda, l-iskeda K8-03 ta' ħlasijiet bejn 17 ta' Mejju sa 30 ta' Lulju 2019 .Għall-approvazzjoni tal-Membri.
L-iskeda ġiet proposta, mis-Sur Charles Selvaggi , u s-sekondati mis-Sur Nicholas Joseph Chircop .
Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament

**3.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

3.8.01 Il-laqgħa ntemmet fit-8:30 ta' filgħaxija, u data għas-seduta li jmiss se tkun it-Tnejn 26 ta' Awissu fil- 05:30pm.

Minuti konfermati, illum 26 ta' Awissu 2019

IFFIRMATA IFFIRMATA

Margaret Baldacchino Cefai
Sindku

Alan Vella
Segretarju Eżekuttiv